MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 482/2005/1

**Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalita` tieghu bhala Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri**

**v.**

**Carmel Sandro Calleja u David Formosa**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell tar-rikorrent minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-10 ta' April

2008, li permezz taghha l-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja u ddikjarat illi ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* is-sentenza appellata kif jidher hawn taht.
"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fid-19 ta' Mejju, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

"Illi l-attur ilu li gie mahtur Gran Mastru ad vitam tal-Ordni "Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri" sa mill-5 ta' Dicembru 1986 u dan kif jirrizulta mill-anness dokument A anness mal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 li huwa kopja awtentikata tal-original liema original jinsab depositat fl-atti tan-Nutar Dr. Domenico Giuliani f'Ruma fil-5 ta' Dicembru 1986. Din il-hatra, flimkien ma' hatriet u koncessjonijiet ohra maghmula favur l-istess attur, gew kollha ratifikati u kkonfermati fis-6 ta' Awissu 2000 u sussegwentement depositati fl-atti tan-Nutar Dr. Proc. Alessandro Mattiangeli f'Ruma fil-5 ta' Ottubru 2000 (Dok B anness mal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005). F'dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-attur gie mahtur gran Mastro mill-mejjet Dimitri Dimitrevich di Russia. Din il-persuna kienet tokkupa il-kariga percedentement u li skond l-istatut tal-istess Ordni kien vestit bil-poteri li jahtar successur tieghu. Anness mal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 gie esebit ukoll ghal kull buon fini kopja tal-istatut, flimkien mal-profil tal-ordni annessa bhala Dok C.

"Illi l-imsemmi Dimitri Dimitrevich di Russia fil-fatt kien Granduka u kap tad-dinastija Russa Rjurik.

Illi attwalment l-Ordni de quo giet inkorporata fid-dinastija Rjurik fl-1669 kif jirrizulta minn profil storiku guridiku anness ma' l-istatut.

“Illi l-attur fil-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 l-attur jesebixxa wkoll certifikat tat-twelid immarkat Dok DI li fih jinkorpora zewg annotamenti li jirriferu ghal zewg digrieti tal-Qorti tal-minuri ta' Foggia, l-Italja (Dok D2 u Dok D3 fl-istess mandat) li juru li missier Dimitri Dimitrevich di Russia kien it-tifel tal-Granduka Basilio tar-Russia.

“Illi l-konvenuti, b'mod abbuziv u illegali, qeghdin falsament jipprestaw lilhom infushom, l-intimat Calleja bhala Vigarju Gran Mastru tal-Ordni de quo, u l-konvenut Formosa bhala Gran Kancillier tal-istess Ordni, juzaw 'letterheads' bl-istess emblema u isem tal-Ordni u jorganizzaw laqghat hawn Malta.

“Illi l-konvenuti fil-vesti fuq indikata organizzaw diversi cerimonji ta' investitura kif anke ammetta l-konvenut Formosa fir-risposta tieghu ghall-mandat ta' inibizzjoni imsemmi.

“Illi b'konsegwenza ta' dan, l-attur talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 475/2005) fl-istess ismijiet liema mandat gie milqugh fit-18 ta' Mejju 2005.

“Talab li l-istess konvenuti ighidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

i) “Tiddikjara illi meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament stante li mhumiex awtorizzati u dan prevja kull dikjarazzjoni li jidhrilha opportun din l-Onorabbli Qorti.
ii) “Tordna lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jipprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri, u sabiex jiddesistu milli jagixxu f’isem l-istess ordni.
iii) “Tikkonferma l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 fl-ismijiet premessi.

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 u l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Formosa, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. “Illi il-preamboli fic-citazjoni u fid-dikjarazjoni kif ukoll id-domandi attrici huma inveritieri u m'humiex legalment sostenibili, kif jigi pruvat bid-dokumenti Ii qeghdin fil-pussess ta ' Carmel Sandro Calleja, Ii kien uriehom mil bidu nett lill-eccipjent u Ii ghandu jesibihom fil-mori tal-kawza;
2. “IIli l-eccipjent, ghal diversi snin, agixxa fuq Ii skorta ta dawk id-dokumenti, u f'dan il-perjodu saru diversi laqghat u cerimoni ta investitura, u l-attur qatt ma oppona jew ipprotesta, jew ha xi azzjoni gudizjarja, hlief dik recenti ta mandat;
3. “Minghajr pregudizju, illi conseguenziali ghal hrug tal-imsemmi mandat l-eccipjent attiena ruhu mad-direttivi Ii tat din il-Qorti, kif diga' giet informata bir-risposta tal-21 ta' Marzu 2005;
4. “Salvi eccezzjonijiet ohra;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut David Formosa;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Sandro Calleja, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. “Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex gurisdizzjoni tal-kawza odjerna, u dunque l-konvenut ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. “Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-preamboli fic-citazzjoni u t-talbiet attrici kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, huma nveritieri u m'humiex legalment sostenibbli, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;
3. “Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ilu jagixxi korrettament ghal diversi snin, fil-kariga ta' Vigarju Gran Mastro u Reggent tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri, a bazi ta' numru ta' dokumenti, inkluz dokument datat 29 ta' Lulju 2000 mahrug mill-Principe Alto Patrono, Dimitrij di Russia

personalment u ndirizzat lill-eccipjient "con il nostro ultimo desiderio prima di nostra morte" (Dok. CSC 2A);
4. “Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 475/2005 fl-ismijiet premessi, ga gie indirizzat b'mod car, u l-effetti tieghu m'ghandhornx ikunu kkonfermati.
5. “Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmel Sandro Calleja;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-10 ta’ April 2006 tal-konvenut Carmel Sandro Calleja dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-attur tas-6 ta’ Dicembru, 2006;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-27 ta’ Gunju 2007 tal-konvenut David Formosa dwar din l-ewwel eccezzjoni;

“Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal digriet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja;

“Ikkunsidrat :

“Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja hija fis-sens illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizjoni tal-kawza odjerna u illi ghalhekk il-konvenut Carmel Sandro Calleja ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“Illi f’dan ir-rigward il-konvenut Carmel Sandro Calleja ipprezenta Nota ta’ Sottomissjonijiet fejn irrefera ghall-Kapitolu 251 tal-Ligijiet ta’ Malta u senjatament l-Artikolu 28 u 29 tal-Kapitolu 251.

“Illi l-Artikolu 28 (1) tal-imsemmi Kapitolu jipprovdi kif gej :

“It-titoli ta’ nobbiltà m’humiex rikonoxxuti u kull privilegg jew dritt iehor ancillari ghal xi titolu bhal dak ghandu jispicca milli jkollu effett.“

“Illi l-Artiklu 28 (3) tal-istess att jghid kif gej :

“Kull kondizzjoni fl-att jew dokument iehor ta’ fondazzjoni, jew f’xi dokument iehor, li jehtieg l-uzu ta’ titolu ta’ nobbiltà jew ta’ xi isem jew deskrizzjoni ohra ghat-tgawdija ta’ xi dritt ta’ proprjetà ma jkollha ebda effett.“

“L-Artikolu 29 (1) tal-istess att jghid illi :

“Ebda unur, ghotja jew dekorazzjoni, u ebda shubija fi, jew kariga f’xi, ordni, ma jkunu rikonoxxuti jekk ma humiex moghtija taht dan l-Att, jew xi ligi ohra li tkun issehh f’dak iz-zmien jew jekk ma kienux jew ma humiex moghtija minn Stat Barrani jew Ordni Sovran li ghandu relazzjonijiet diplomatici ma’ Malta u, jekk ma jigux moghtija bl-awtorità bil-miktub tal-President ta’ Malta moghtija fuq il-parir bil-miktub tal-Kabinett.“

“L-Artikolu 29 (4) tal-istess Kap. 251 jghid illi :

“Huwa d-dmir ta’ kull ufficjal pubbliku jew awtorità pubblika, u ta’ kull korp imwaqqaf jew rikonoxxut mil-ligi u ta’ kull imsieheb mieghu, li ma jirrikonoxxi b’ebda mod, u li ma jaghmel xejn li jista’ jfisser rikonoxximent ta’, xi titolu ta’ nobbiltà jew xi unur, ghotja, dekorazzjoni, shubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skond id-disposizzjonijiet ta’ hawn fuq ta’ dan l-artikolu.“

“Illi l-Qorti tirrileva ghal kull buon fini illi l-konvenut l-iehor David Formosa irrefera ghan-nota ta’sottomissjonijietipprezentata mill-konvenut Carmel Sandro Calleja u irrifera ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Civili) fit-8 ta’ Mejju 1991 fl-ismijiet Nutar Anthony Grech Trapani noe vs Lieutenant Colonel Robert Gayre pro et noe et Citazz Nru 132/78 in sostenn ta’ din it-tezi u cioe li l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma din il-kawza.

“Illi l-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Civili) moghtija fit-8 ta’ Mejju 1991 fl-ismijiet Nutar Anthony Grech Trapani bhala mandatarju tal-Princep Cesare D’Altavilla Sicilia – Napoli vs Lieutenant Colonel Robert

Gayre et, fejn il-Qorti tal-Appell kellha fl-ewwel lok tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari imressqa mill-konvenut u cioe' illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni tal-kawza prezenti.

“Illi fis-sentenza tal-ewwel Qorti inghad illi minghajr ma hemm bzonn li wiehed jidhol fl-eccezzjoni huwa fatt illi ebda awtorita pubblika ma tista tirrikonoxxi b’ebda mod jew taghmel xejn li jista jfisser rikonoxximent ta’ xi titolu ta’ nobbilta jew xi unur. Illi minn dan jigi illi ebda Qorti ta’ Malta ma tista tiehu konjizzjoni ta’ kawza bhal din li fiha l-attur qieghed jikkwalifika ruhu bit-titolu sovran ta’ Princep Cesare D’Altavilla Sicilia – Napoli.

“L-ewwel Qorti kienet qalet ukoll illi jekk hija kellha tiehu b’xi mod konjizzjoni ta’ din il-kawza dan setgha jimplika b’xi mod ir-rikonoxximent illi l-Ligi tipprojbixxi.

“Il-Qorti tal-Appell qalet illi isegwi minn dan is-subartikolu illi huwa dmir ta’ din l-Qorti bhala Awtorita Pubblika li bl-ebda mod ma tirrikonoxxi jew taghmel xi haga li tista tfisser rikonoxximent ta’ xi titolu ta’ nobilita` jew xi unur li mhumiex rikonoxxuti skond id-disposizzjonijiet precedenti tal-istess artikolu 20, illum artikolu 29.

“Ghalhekk il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi isegwi minn dan kollu li din il-Qorti bhall-ewwel wahda hi tal-ferma opinjoni illi ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici minghajr ma tkun qed tikser id-disposizzjonijiet tal-Att imsemmi.

“Illi f’dik il-kawza il-Qorti kienet qeghda tirreferi ghall-Att XX1X tal-1975, il-Kapitolu 251 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi l-attur b’risposta ghal din is-sottomissjoni tal-konvenuti irribatta illi fil-kaz odjern l-attur ser jipprova illi in effetti huwa ghandu it-tregija ta’ Ordni kavallereska dinastika bl-isem ta’ Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri, izda b’dawn il-proceduri huwa mhuwiex qieghed jittanta li jkollu t-titolu tieghu rikonoxxut mill-istat. L-attur issottometta illi l-ilment tieghu huwa illi l-konvenut bi zlejalta u abbuzivament qieghed jittanta jassumi t-tregija ta’ din l-ghaqda u

ghalhekk il-Qorti tista tindaga sabiex jekk dan huwa minnu l-attur jinghata r-rimedju effettiv. L-attur issottometta illi huwa bil-kawza odjerna mhuwiex qieghed jitlob illi jigi rikonoxxut bhala Gran Mastru mis-socjeta` in generali u lanqas mhu qed jitlob ir-rikonoxximent tal-Ordni minn terzi. It-talba tieghu hija specifika fis-sens illi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda jedd jintromettu ruhhom fit-tregija ta' din l-ghaqda in kwistjoni b'mod abbuziv jew b'mezzi qarrieqa.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti ezaminat il-premessi u t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni odjerna u minnhom jirrizulta, precizament mill-permessi, illi l-attur jghid illi ilu li gie mahtur Gran Mastru ad vitam tal-Ordni “Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri” sa mill-5 ta' Dicembru 1986. L-attur jipprometti illi l-konvenuti, b'mod abbuziv u illegali, qeghdin falsament jipprestaw lilhom infushom, l-intimat Calleja bhala Vigarju Gran Mastru tal-Ordni de quo, u l-konvenut Formosa bhala Gran Kancillier tal-istess Ordni, juzaw 'letterheads' bl-istess emblema u isem tal-Ordni u jorganizzaw laqghat hawn Malta. L-attur ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament stante li mhumiex awtorizzati. Il-Qorti giet mitluba tordna lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jipprestaw ruhhom f'dawn il-karigi rispettivi tal-Ordni imsemmija, u sabiex jiddesistu milli jagixxu f'isem l-istess ordni. Il-Qorti giet mitluba tikkonferma l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 fl-ismijiet premessi.

“Illi l-atturi in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom iridu jesebixxu diversi dokumenti dwar il-hatra/hatriet u koncessjonijiet ohra maghmula favur l-attur u skond l-attur f'dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-attur gie mahtur Gran Mastru mill-mejjet Dimitri Dimitrevich di Russia.

“Illi issir ukoll referenza ghall-profil storiku guridiku tal-ordni de quo illi allegatament giet inkorporata fid-dinastija Rjurik fl-1669.

“Ikkunsidrat :

“Illi da parti tieghu il-konvenut David Formosa eccepixxa illi domandi attrici huma inveritieri u m'humiex legalment sostenibili, kif jigi pruvat bid-dokumenti li qeghdin fil-pussess tal-konvenut Calleja.

“Illi l-konvenut Calleja eccepixxa wkoll illi fuq skorta ta dawk id-dokumenti imsemmija saru diversi laqghat u cerimonji ta investitura, u li ghalihom l-attur qatt ma ipprotesta, hlief meta ipprezenta rikors ghall-hrug ta mandat ta’ inibizzjoni.

“Illi l-konvenut Calleja eccepixxa illi huwa ilu jagixxi korrettament ghal diversi snin, fil-kariga ta' Vigarju Gran Mastro u Reggent tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri, a bazi ta' numru ta' dokumenti, mahruga mill-Principe Alto Patrono, Dimitrij di Russia personalment u indirizzat lill-konvenut Calleja u cioe’ dikjarazzjoni testamentarja tal-istess Principe Alto Patrono fil-konfront tal-konvenut Calleja.

“Ikkunsidrat :

“Illi filwaqt illi huwa minnu illi l-attur mhuwiex jitlob illi jigi rikonoxxut bhala Gran Mastru tal-Ordni in kwistjoni il-Qorti qeghda tigi mitluba tiddikjara illi meta l-konvenuti ipprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament stante li mhux awtorizzati u l-Qorti giet mitluba tordnalhom jiddesistu milli jipprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni imsemmija u sabiex jiddesistu milli jagixxu f’isem l-istess ordni inter alia.

“Illi ghalhekk il-Qorti tara illi ir-rikonoxximent da parti taghha tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri hija

implicita sabiex hija tkun tista tiddeciedi din il-kawza ghaliex altrimenti kif tista l-Qorti tiddeciedi illi l-konvenuti ma ghandhomx il-kariga ta' Vigarju Gran Mastru/Reggent u ta' Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni imsemmija.

"Illi wkoll il-kawza kollha hija ibbazata fuq il-premessa illi l-attur ilu li gie mahtur Gran Mastru ad vitam tal-Ordni imsemmija sa mill-5 ta' Dicembru 1986 u il-Qorti trid bilfors tara jekk dan huwiex minnu mid-dokumenti kollha imsemmija mill-attur illi huwa irid jesebixxi jekk din il-kawza ser tigi deciza. Il-Qorti trid ukoll tezamina il-gerarkija tad-dinastija Russa Rjurik. L-Istatut tal-istess ordni imsemmija kif ukoll id-Dokument illi isemmi il-konvenut Calleja datat 29 ta' Lulju tal-2000 mahrug mill-Principe Alto Patrono, Dimitrij di Russia u indirizzat lill-konvenut Calleja.

"Ikkunsidrat :

"Illi wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 28 u 29 tal-Kapitolu 251 hija tara illi mhux biss ma tista tirrikonoxxi bl-ebda mod xi titolu ta' nobbilta jew xi unur, ghotja, dekorazzjoni, shubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skond id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq ta' dan l-artikolu, izda lanqas ma tista taghmel xejn li jista jfisser tali rikonoxximent.

"Huwa car daqs il-kristal illi jekk il-Qorti tidhol fil-meritu ta' din il-kawza tkun qeghda proprju taghmel haga li tista tfisser dan it-tip ta' rikonoxximent.

"Illi jekk il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici tkun qeghda tikser id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 251 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja u tiddikjara illi ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex taqta u tiddeciedi din il-kawza u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza;

"Bl-ispejjez kontra l-attur."

**Rikors tal-Appell tar-rikorrent appellant.**

3. Ir-rikorrent appellant hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti u talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-10 ta' April 2008, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja u terga' tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

4. Fil-qosor l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti:

L-appellant ma jaqbilx li hemm rikonoxximent implicitu tal-Ordni jekk il-Qorti tidhol biex tissindika jekk il-konvenuti ghandhomx il-kariga ta' Vigarju Gran Mastru/Reggent u Gran Kancillier u biex tistudja d-dokumenti li abbazi taghhom l-appellati qed javvanzaw il-pretensjonijiet taghhom.

**Risposta tal-Appell tal-konvenut David Formosa**

5. L-appellat David Formosa pprezenta risposta fejn qal li fir-rigward tat-talba kontenuta fir-rikors tal-appell rigwardanti c-cahda tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Calleja, huwa joqghod ghall-konkluzjoni ta' din il-Qorti; mentri fir-rigward tal-kwistjoni li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti, huwa ma joggezzjonax ghal dik l-ordni.

6. L-appellat Carmel Sandro Calleja ma pprezentax risposta bil-miktub izda ttratta quddiem din il-Qorti fejn irribadixxa r-ragunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

**Fatti mertu tal-kawza**

7. F'din il-kawza l-attur fil-kwalita` tieghu ta' Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri qed jitlob lill-Qorti li zzomm lill-konvenuti milli jkomplu jippretendu ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri, u sabiex jieqfu milli jagixxu f'isem l-istess ordni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Eccezzjoni preliminari dwar gurisdizzjoni

8. Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja li l-Qorti ma ghandhiex gurisdizjoni. Huwa bbaza l-eccezzjoni tieghu fuq l-Artikolu 28 u 29 tal-Kap. 251.

Ligi

9. Illi l-**Artikolu 28 (1)** tal-imsemmi Kapitolu jipprovdi kif gej:

10. “It-titoli ta’ nobbiltà m’humiex rikonoxxuti u kull privilegg jew dritt iehor ancillari ghal xi titolu bhal dak ghandu jispicca milli jkollu effett.“

11. Illi l-**Artikolu 28 (3)** tal-istess att jghid kif gej :

12. “Kull kundizzjoni fl-att jew dokument iehor ta’ fondazzjoni, jew f’xi dokument iehor, li jehtieg l-uzu ta’ titolu ta’ nobbiltà jew ta’ xi isem jew deskrizzjoni ohra ghat-tgawdija ta’ xi dritt ta’ proprjetà ma jkollha ebda effett.“

13. L-**Artikolu 29 (1)** tal-istess att jghid illi :

14. “Ebda unur, ghotja jew dekorazzjoni, u ebda shubija fi, jew kariga f’xi, ordni, ma jkunu rikonoxxuti jekk ma humiex moghtija taht dan l-Att, jew xi ligi ohra li tkun issehh f’dak iz-zmien jew jekk ma kienux jew ma humiex moghtija minn Stat Barrani jew Ordni Sovran li ghandu relazzjonijiet diplomatici ma’ Malta u, jekk ma jigux moghtija bl-awtorità bil-miktub tal-President ta’ Malta moghtija fuq il-parir bilmiktub tal-Kabinett.“

15. **L-Artikolu 29 (4)** tal-istess Kap. 251 jghid illi:

16. “Huwa d-dmir ta’ kull ufficjal pubbliku jew awtorità pubblika, u ta’ kull korp imwaqqaf jew rikonoxxut mil-ligi u ta’ kull imsieheb mieghu, li ma jirrikonoxxi b’ebda mod, u li ma jaghmel xejn li jista’ jfisser rikonoxximent ta’, xi titolu

ta’ nobbiltà jew xi unur, ghotja, dekorazzjoni, shubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skont id-disposizzjonijiet ta’ hawn fuq ta’ dan l-artikolu.“

Sentenza tal-Ewwel Qorti

17. L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut Calleja billi ddecidiet li hi bilfors kellha tidhol fil-kwistjoni jekk l-attur huwiex Gran Mastru kif qed jippretendi fil-premessi tac-citazzjoni biex tiddeciedi jekk il-konvenuti humiex qeghdin jagixxu illegalment u abbuzivament. Ir-rikonoxximent da parti taghha tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri hija implicita fit-talba tal-attur u ghalhekk jekk il-Qorti tidhol fil-mertu hija tkun qed tikser id-disposizzjonijiet tal-Kap. 251 tal-Ligijiet ta’ Malta.

18. **Fl-aggravju tieghu l-attur** jissottometti li huwa ma jaqbilx li tali rikonoxximent huwa implicitu jekk il-Qorti tidhol biex tissindika jekk il-konvenuti ghandhomx il-kariga ta’ Vigarju Gran Mastru/Reggent u Gran Kancillier u biex tistudja d-dokumenti li abbazi taghhom qed javvanzaw il-pretensjonijiet taghhom l-appellati. L-appellant jghid li huwa m’huwiex qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala Gran Mastru mis-socjeta` generali jew minn terzi.

19. Jinsab espress illi “hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha, u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha” (**Francis Refalo nomine v. Jason Azzopardi et**, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997).

20. Illi skont is-sentenza **Nutar.A Grech Trapani noe v. Lt.Col. R. Gayre,** li gia` saret referenza ghaliha mill-ewwel Qorti[1], dak li l-Qorti kellha tindaga kien (i) jekk il-kawza tirrigwardax titolu nobiljari u (ii) jekk fil-kaz illi l-Qorti

[1] Din kienet sentenza dwar ingurja u l-Qorti kienet iddecidiet li ma setghetx tiehu konjizzjoni tat-talbiet minghajr b’xi mod ma tirrikonoxxi t-titolu ta’nobilita` tal-attur. Bla ma tidhol fil-kwistjoni jekk tapplikax ghall-kaz in ezami jew le, din il-Qorti semplicement se tislet iz-zewg kriterji li ghandhom jiggwidawha biex tasal ghal konkluzjoni gusta tal-vertenza.

tiehu b'xi mod konjizzjoni ta' din il-kawza dan jimplikax b'xi mod ir-rikonoxximent li l-ligi tipprojbixxi.

21. F'din il-kawza l-attur intavola l-proceduri odjerni fil-kwalita` tieghu ta' Gran Mastru tal-Ordni u talab li jigi dikjarat li meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier tal-Ordni Ordo huma ghamlu hekk illegalment u abbuzivament stante li ma kienux awtorizzati.

22. Illi minn dina t-talba jidher ovvju li biex il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti kienu qed jagixxu abbusivament il-Qorti trid jew taccetta bhala fatt pruvat li l-attur huwa l-Gran Mastru tal-Ordni imsemmija jew inkellha jkollha tissindika dik il-kwistjoni billi tezamina d-dokumenti ezibiti biex tara jekk dak li qed isostni l-attur, li huwa l-Gran Mastru, jirrizultax mid-dokumenti. Min-naha l-ohra biex il-Qorti tkun tista' tordna li l-appellati sabiex jiddesistu milli jaghmluha ta' Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancilleri bilfors trid tiddeciedi jekk kellhomx dritt jagixxu b'dak il-mod jew le. Meta l-Qorti taghmel hekk hija tkun fil-fatt qed tirrikonoxxi jew l-ghamil taghha jkun ifisser rikonoxximent tat-titolu jew kariga ta' naha jew l-ohra, meta fil-fatt dan hija ma tistax taghmlu skont id-disposizzjoni 29(4) tal-Kap. 251.

23. L-appellant jishaq li bhal kwalsijasi ghaqda ohra huwa ghandu dritt ghall-access ghall-Qorti sabiex jitlob dikjarazzjoni, f'kaz ta' dizgwid bejn il-membri rigwardanti r-regoli u l-istatut taghha, li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda dritt jintromettu ruhhom fit-tregija tal-ghaqda in kwistjoni b'mod abbuziv jew b'mezzi qarrieqa.

24. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwistjoni hawnhekk m'hijiex semplicement wahda dwar l-istatut tal-Ordni u kif qed jitmexxa izda hija kwistjoni dwar min ghandu t-titolu ta' Gran Mastru, ta' Vigarju Gran Mastru/Reggent u Kancillier. Kif il-Qorti tiddeciedi naha jew l-ohra hi tkun qed tirrikonoxxi l-Ordni u t-titoli (jew nuqqas ta' titolu) ta' kull wiehed minnhom.

25. L-appellant ezebixxa sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kriminali) fl-ismijiet **Alfred Joseph Baldacchino v. Carmelo Sandro Calleja u David Formosa**, deciza fis-7 ta' Mejju 2010 fejn skont l-appellant dik il-Qorti ma hassitx li kienet qed tirrikonoxxi l-Ordni bi ksur tal-Kap. 251 meta ghamlet referenza ghat-tmexxija tal-istess Ordni u qalet li: "pogga f'riskju s-serjeta` u l-istabbilita` ta' ordni kavallereska …." (ara fol. 10/11 tas-sentenza).

26. Din il-Qorti accettat l-ezibizzjoni ta' din is-sentenza u ma jidhirx li kien hemm xi oppozizzjoni da parti tal-appellati. Jirrizulta li l-Pulizija kienu hargu akkuzi kriminali kontra Carmelo Calleja fuq falsifikazzjoni ta' dokument, uzu minn skrittura falza u li halef il-falz u fejn il-Qorti tal-Magistrati lliberatu minn dawk l-akkuzi mentri l-Qorti tal-Appell sabitu hati. Il-vertenza principali f'dik il-kawza kienet biss dwar l-iskrittura privata jekk kinitx falza jew le u l-Qorti ma kellhiex quddiemha kwistjoni dwar titoli u lanqas kellha tiddeciedi dwarhom izda kellha biss akkuzi kriminali. Il-kumment ta' dik il-Qorti li l-appellant jirreferi ghalih l-ewwelnett ma jorbotx lil din il-Qorti imma anke kieku l-kumment irid jittiehed fl-isfond tal-konsiderazzjoni li ghamlet dik il-Qorti fuq il-piena. Hija bl-ebda mod ma ppronunzjat ruhha dwar il-kariga li ppretenda li kellu l-imputat.

**DECIDE**

27. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma fit-totalita` taghha id-decizjoni tal-ewwel Qorti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------